5) L-ikel tal-priġunieri huwa:

a) ipprovdut mill-familjari jew qraba tal-priġunier
b) ordnat u mixtri minn barra mill-priġunieri stess
ċ) ipprovdut bla ħlas mill-Faċilità skont il-bżonnijiet tal-priġunieri nfushom
d) ordnat u mixtri mill-priġunieri stess mill-canteen tal-Faċilità. **(5 marki)**

6) Min jista' jinżamm f'Faċilità Korrettiva? **(4 marki)**

7) Min jinżamm fit-Taqsima Forensika tal-Isptar Monte Carmeli? **(4 marki)**

8) Għaliex taħseb li d-Direttur jista' jawtorizza priġunier li jkollu ikel ieħor minn dak tal-Faċilità? Agħti **ŻEWĠ** raġunjijiet. **(6 marki)**

9) X'taħseb li hija l-iktar biċċa xogħol iebsa tad-Direttur tal-Faċilità? Semmi **ŻEWĠ** affarijiet. Għaliex taħseb hekk? **(4 marki)**

10) F'madwar 50 kelma, liema taħseb li huma r-raġunijiet li jistgħu jwasslu biex priġunier jirrifjuta li jiekol? Semmi **TNEJN**. **(7 marki)**

**Taqsima B**

**Agħżel WIEĦED minn dawn li ġejjin. Din it-Taqsima fiha 50 marka. Jekk jogħġbok, indika t-total ta' kliem li tkun ktibt.**

1. Jinstemgħu żewġ twerżiqiet ġejjin mill-flett ta' biswitek, ġirien li kellek relazzjoni tajba magħhom. Int toħroġ biex tara x'inqala' u jekk tistax tkun ta' għajnuna. Ċempilt il-qanpiena għal darba tnejn b'urġenza sakemm infetaħ il-bieb u ... Ikteb rapport ta' madwar 350 kelma dwar dak li rajt u kif aġixxejt.

2. Ġejt mitlub biex tieħu sehem f'diskussjoni fejn qed jingħad li l-uffiċjali korrettivi xi drabi jaġixxu b'mod inuman mal-priġunieri. F'madwar 350 kelma uri l-fehma tiegħek dwar dan.

**Total: 100 marka**

## TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami għall-Pożizzjoni ta' Uffiċjali Korrettivi fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi

**Suġġett:** **IL-MALTI**

**Data:** **It-Tlieta 14 ta' Ġunju 2022**

**Ħin:** **09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)**

**Struzzjonijiet ġenerali: Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet, Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parenteżi.**

**Taqsima A (Din it-Taqsima fiha 50 marka)**

**Aqra s-silta sew li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu.**

**Informazzjoni Ġenerali**

F'Malta, il-faċilità korrettiva ewlenija hija l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, li żżomm priġunieri rġiel u nisa. Hemm ukoll faċilità korrettiva għall-priġunieri żgħar li żżomm priġunieri sal-età ta' 21 sena u din hija l-YOURS li tinsab l-Imtaħleb. Barra minn hekk, it-Taqsima Forensika, li tinsab fl-Isptar Monte Carmeli, tilqa' fiha priġunieri li jkollhom bżonn kura psikjatrika.

Persuna tista' tintbagħat fil-Faċilità biex tiskonta sentenza mogħtija, jew inkella waqt li qiegħda tistenna proċess quddiem qorti kriminali. Fil-każ tal-aħħar, din tinżamm fil-Faċilità sakemm tingħata l-libertà proviżorja.

Kull priġunier għandu jkun allokat akkomodazzjoni, kif ordnat mid-Direttur. L-akkomodazzjoni pprovduta għandha tilħaq il-ħtiġijiet ta' sanità u iġjene, b'konsiderazzjoni xierqa mogħtija lill-kontenut kubiku tal-arja, ammont raġonevoli ta' spazju, dawl u ventilazzjoni, kif ukoll il-possibbiltà li jikkomunika f'kull ħin ma' Uffiċjal Korrettiv.

Kull priġunier huwa mistenni li jżomm iz-zona taċ-ċella tiegħu/tagħha nadifa u li jwettaq affarijiet bażiċi biex iżomm iċ-ċella tiegħu/tagħha f'kundizzjoni tajba. Materjali biex titnaddaf iċ-ċella u biex titwettaq manutenzjoni bażika jkunu pprovduti jekk issir talba għalihom.

Kull priġunier għandu jkun ipprovdut b'sodda u friex separati xierqa għas-sħana u s-saħħa, liema friex għandu jinżamm f'ordni tajba u mibdul meta meħtieġ sabiex tkun żgurata l-indafa tiegħu.

Priġunieri li m'għandhomx ħwejjeg xierqa tagħhom, ikunu pprovduti bi ħwejjeg li jkunu f'kundizzjoni tajba. Il-priġunieri għandhom iżommu lilhom infushom indaf u puliti, u huma għandhom ikunu pprovduti b'dawk l-affarijiet meħtieġa għas-saħħa u l-indafa.

Il-priġunieri huma pprovduti bl-ikel kif ġej: kolazzjon fit-8:00 ta' filgħodu, ikla ta' nofsinhar fin-11:45 ta' filgħodu u ikla ta' filgħaxija fil-5:30 ta' filgħaxija. L-ikel huwa ppreparat, sa fejn huwa possibbli, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-saħħa u l-kundizzjoni tad-dieta tal-priġunieri, kif ukoll mal-ħtiġijiet reliġjużi jew kulturali tagħhom.



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Id-Direttur jista' jħalli priġunieri jingħataw ammont raġonevoli ta' ikel bi spejjeż tagħhom jew tal-familja tagħhom. L-ebda ikel ma jista' jiġi mgħoddi lil priġunieri oħra mingħajr il-permess tad-Direttur.

L-Uffiċjali Korrettivi se jżommu rekord bil-miktub ta' kull okkażjoni meta priġunier jirrifjuta l-ikel, u l-priġunier ikun mitlub jiffirma kull ma jkun tniżżel.

Mhumiex permessi xarbiet alkoħoliċi li jwasslu biex wieħed jisker. Il-priġunieri jistgħu jitħallew ipejpu jew ikollhom it-tabakk. Madankollu, huma jridu jirrispettaw iz-zoni kollha li fihom ma jistax isir tipjip.

**Il-Mistoqsijiet**

***Għall-mistoqsijiet 1 sa 5 mmarka t-tweġiba t-tajba skont it-test ipprovdut.***

1) Fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin jinżammu priġunieri:

a) irġiel biss
b) taħt l-età ta' 21 sena
ċ) nisa biss
d) irġiel u nisa. **(5 marki)**

2) Iċ-ċella tingħata lill-priġunier:

a) mill-Maġistrat tal-Qorti
b) mill-Kummissarju tal-Pulizija
ċ) mid-Direttur tal-Faċilità
d) mill-Uffiċjal Korrettiv tal-Faċilità. **(5 marki)**

3) Meta jkun fiċ-ċella, il-priġunier ikun jista' jikkomunika:

a) mal-qraba u l-familjari tiegħu
b) mal-Uffiċjal Korrettiv li jkun xogħol
ċ) mad-Direttur tal-Faċilità
d) mal-priġunieri l-oħra tal-faċilità. **(5 marki)**

4) L-indafa u l-manutenzjoni taċ-ċella hija responsabbiltà:

a) tal-priġunier li jgħix fiċ-ċella
b) tal-priġunier li jieħu ħsieb it-tindif tal-Faċilità
ċ) tal-Uffiċjal Korrettiv li jkun xogħol
d) tad-Direttur tal-Faċilità. **(5 marki)**